MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 73/2023-8

Il-Ħamis, 25 ta' Mejju 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

Qabel il-laqgħa saret laqgħa mas-Sur S. Bugeja rigward il-kont tiegħu mibgħut lil Kunsill fuq xogħol li għamel fil-playing field tal-Qbajjar Promenade. Intlaħaq ftehim li l-kont għandu jkun l-ammont li l-Kunsill jista' jagħti b'*direct order* jiġifieri €5,000 VAT eskluż.

Saret laqgħa oħra ma' J. Bonnici. Rigward il-kont tagħha mibgħut lil Kunsill fuq xogħol ta' tiswija li sar fuq it-truk tal-Kunsill. Intlaħaq ftehim li kull siegħa għandha tiġi kkalkulata bil-€25 is-siegħa.

### 73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

73.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu preżenti.

### 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

73.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 70/2023-8, 71/2023-8 u 72/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

73.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

73.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet.

73.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru 70/2023-8, 71/2023-8 u 72/2023-8 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 73.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

73.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini nfurmat lill-membri li l-Kunsill irċieva *draft contract* għal iffirmar tal-proġett ta' Triq Santa Marija li hu maqsum fi tlieta; belvedere, railing u dawl.

Infurmathom li l-Kunsill qed jistenna l-*go ahead* minn naħa tar-Reġjun t'Għawdex sabiex dan ikun jista' jiġi ffinalizzat u ffirmat. Infurmathom li kienet ħarġet offerta sabiex jinbidlu 20 bozza fi Triq Santa Marija pero issa li għadda aktar żmien u saret iktar ħsara bil-maltemp hemm bzonn jinbidlu 67 bozzza għalhekk proponiet u l-membri qablu sabiex toħroġ offerta ġdida li tkopri ż-żieda fil-bozzoz. Wara diskussjoni qablu li l-membri tal-bord ta' adġudikazzjoni għandhom jkunu l-Perit Godwin Agius - Chairman, Av. Louis Magrin, Ing Mario Cauchi u l-Perit Mariella Xuereb u Odette Camilleri - Segretarju.

73.3.2 Is-Sindku nfurmat lil membri li saret laqgħa il-Ministeru flimkien mal-Community Police u d-Direttur Ġenerali rigward it-tabelli u l-bollards fil-front u l-Menqa f'Marsalforn. Kompliet tgħid li kien hemm qbil li t-tabelli jsiru No Entry minn 12.00 – 17.00 u 18.00 – 02.00. Infurmathom wkoll li l-Community Police ser ikunu qed jieħdu ħsieb li jitpoġġew il-bollards. Il-membri qablu mal-ħinijiet tan-No Entry u għalhekk is-Sindku nfurmathom li ser issir laqgħa ma' Transport Malta rigward dawn il-ħinijiet sabiex jinbidlu t-tabelli.

73.3.3 Is-Sindku nfurmat lil membri li hemm bżonn jinxtara *grass cutter* u printer tal-kulur għall-uffiċċju. Il-membri qablu. Il-Kunsillier Daniel Cordina staqsa jekk din is-sena l-għaqdiet hux ser ikunu qed jaqtgħu il-ħaxix madwar il-lokalita kif inhi l-prassi. Is-Sindku fakkritu li din kienet waqfet peress li nġibdet l-attenzjoni tad-Dipartiment f'dan ir-rigward u li l-ħaddiema tal-Kunsill diġa bdew jaqtgħu l-ħaxix ħażin u qed jagħmlu xogħol tajjeb ħafna. Il-Kunsillier Daniel Cordina wera l-opinjoni li jingħata ċans li dan ix-xogħol isir mill-għaqdiet tar-raħal. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li hemm bżonn li jsir xogħol tajjeb u jinġabar. Il-membri qablu li dan ix-xogħol għandu jsir mill-erba' għaqdiet tar-raħal li huma tal-Futbol, tal-Banda, tan-Nar u ta' l-Armar. Qablu li l-Għaqda ta' l-Armar tagħmel Triq is-Sagħtrija u Triq tal-Kanun, l-Għaqda tan-Nar tagħmel Triq Wied l-Abjad u Wied l-Infern sa fejn is-siġar taż-żebbuġ, tal-Futbol jagħmlu Triq ta' Tuttiet u Triq Ħabel it-Twil u tal-

Banda jagħmlu Triq il-Merżuq u Triq Wied l-Infern fejn l-irziezet. Il-membri qablu li jingħataw €2,000 kull għaqda.

73.3.4 Is-Sindku, Dott Marlene Cini nfurmat lil membri li tħejja Crime Prevention Report sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għaċ-ċirkulari SPI/SCI/04/2023 – Kommunitajiet aktar siguri u organizzati. Infurmathom li fuq parir tas-CPT il-Kunsill għandu japplika għal CCTV cameras fit-toroq ta' dħul u ħruġ mill-lokalita u fil-Qbajjar Promenade, kif ukoll jinxtraw xi gadġets. Kompliet tgħid illi sabiex il-Kunsill ikun jista' jimla' l-applikazzjoni trid tiġabar kwotazzjoni kif ukoll hemm bżonn rapport minn persuna teknika. Il-membri qablu.

73.3.5 Rigward SPI/SCI/03/2023 – Espressjoni ta' Interess – World Cleanup Campaign 2023, is-Sindku proponiet u l-membri qablu li jsir avveniment ta' tindif fil-Wied ta' Marsalforn fis-16 ta' Settembru 2023 u ssir talba sabiex jinxtraw chain-saw ta' l-elettriku, pressure washer, generator 3.5Kvh, 50m extension, hand pickers u 50m pipe. Jinxtraw wkoll re-usable bottles sabiex jingħataw lil parteċipanti. Hu stmat li l-ispiża tilħaq l-€1,800. Il-membri qablu.

73.3.6 Infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva talba mill-iskola primarja taż-Żebbuġ sabiex jinxtraw 6 hand pickers sabiex jintużaw biex it-tfal inaddfu l-grounds ta' l-iskola. Il-membri qablu.

73.3.7 Rigward it-tipper truck tal-Kunsill, is-Sindku nfurmat lil membri li t-truck għadu bl-istess problema u wara li ttieħed għand mekanik ieħor dan informa lil Kunsill li trid tinbidel il-battery equilizer. Kompliet tgħid li din trid tiġi ordnata mill-Ġappun u ser tiġi tiswa madwar €1,000 u dan minħabba ix-shipping, il-VAT u d-dazju. Qalet imbagħad jibqa' li l-mekanik jitħallas ta' xogħlu. Il-membri qablu.

## 73.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

73.4.1 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:-*

73.4.1.2 Talbet sabiex ir-railing ta' mat-taraġ ta' fejn l-għassa f'Marsalforn jitwaħħal mill-aktar fis possibli. Is-Sindku nfurmatha li d-DG ordnat sabiex jitwaħħal.

73.4.1.3 Talbet sabiex terġa tintbgħat tfakkira fuq il-bankijiet li għandhom jeħlu mill-Ministeru għal Għawdex fil-front ta' Marsalforn.

73.4.1.4 Sabiex terġa tinżebaħ iż-żebra crossing ta' Triq il-Qbajjar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li ġiet approvata mill-Gozo LC Works u ser tinżebah.

73.4.1.5 Talbet sabiex terġa tintbgħat tfakkira rigward il-ħofra li għadha ma ngħalqitx fejn l-ATM f'Marsalfron.

73.4.1.6 Infurmat lil membri li ġiet infurmata mill-ERA li ngħataw madwar 500 taħrika rigward l-iskart f'Marsalforn.

73.4.1.7 Fakkret sabiex jitwaħħlu t-tabelli multi-lingwal rigward l-iskeda ta' l-iskart li kellhom jitwaħħlu f'Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li dawn ġew ordnati u qedgħin għand il-Public Cleansing sabiex jitwaħħlu.

73.4.1.8 Talbet sabiex issir talba lil Public Cleansing sabiex jinqata' l-ħaxix ħażin minn Triq ir-Rabat. Il-membri qablu.

73.4.1.9 Infurmat lil membri li Triq ir-Rabat minn fejn il-kunvent tal-Kapuċċini sa fejn it-tabella 'Merħba' hija kollha mtfija. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li hemmhekk diġa ġew irraportati xi bozzoz.

73.4.1.10 Staqsiet jekk it-talba għal mera tat-traffiku fejn il-Crystal Palace fi Triq ir-Rabat hiex irrapurtata. Is-Seg. Eżekuttiv infurmata li din diġa ġiet irraportata u ġiet approvata mill-Gozo LC Works.

73.4.1.11 Rigward l-iskeda ta' l-iskart qalet li ħadd ma hu qed jagħti kasha. Il-Kunsillier Nicky Saliba ddikjara kunflitt ta' nteress peress li hu Enviromental Officer fi ħdan ir-Reġjun. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li l-Kunsill għandu jkollu awtorita' fuq dan. Kompla jgħid li l-problema hi għax il-borża s-sewda ma għadhiex tinġabar kull nhar ta' Tnejn. Il-Viċi Sindku qalet li tar-ristoranti qed jimlew Triq il-Forn bil-boroż is-suwed. Is-Sindku qalet li tkellmet kemm il-darba mar-Reġjun t'Għawdex u l-Ministeru pero kien kollu għalxejn peress li din hi skeda nazzjonali. Wara diskussjoni l-membri qablu li għandha tintalab laqgħa mar-Reġjun rigward il-problema ta' l-iskart f'Marsalforn forsi tinstab soluzzjoni. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li l-Kunsill għamel żball li kien jiġbor il-boroż taż-żibel għax b'hekk ħeġġeġ aktar in-nies biex joħorġu l-borża s-sewda kuljum mhux meta suppost. Is-Sindku fakkritu li fis-snin preċedenti l-Kunsill dejjem ġabar l-boroż taż-żibel inkluż il-Ħdud. Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li Malta ma għandhomx l-istess problemi tagħna. Il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li hemm żewġ ristoranti partikolari li qed jarmu l-borża s-sewda f'postijiet madwar Marsalforn u sostna li l-Kunsill għandu jinforma lis-CPT sabiex jagħmlulhom l-għassa. Is-Sindku stiednet lil membri sabiex jattendu għal laqgħa li ssir ta' kull xahar mal-membri tal-korp sabiex isemmgħu leħinhom.

73.4.1.12 Il-Viċi Sindku nfurmat lill-membri li residenta rat ġlieda ssir bejn xi Niġerjani u meta ċemplet l-għassa biex tirraporta, l-pulizija baqgħu ma niżlux.

73.4.2 *Il-Kunsillier Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

73.4.2.1 Qal li kellu laqgħa ma' Marvic Refalo ta' l-Eco Skola fejn talbet sabiex tinxtara pompa ta' l-ilma għal iskola primarja taż-Żebbuġ. Qal li din il-pompa tiswa madwar €80. Il-membri qablu.

73.4.2.2 Rigward il-*crash barriers* li twaħħlu fi Triq ~~il-Knisja~~ l-Imgħallem, staqsa jekk tistax titwaħħal ħadida/landa oħra isfel u dan peress li mutur jista' jeħel bejn il-ħadida u t-triq. Qal li qed jitlob li

ssir din il-ħadida/landa minħabba aktar sigurta. Il-membri qablu li tinġibed l-attenzjoni ta' l-Awtorita' f'dan ir-rigward.

73.4.2.3 Staqsa x'ġara rigward il-perikolu fi Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill għadu ma rċieva xejn minn naħa tal-Perit tal-Ministeru f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab sabiex jitneħħew il-ġebel li waqgħu sabiex ikunu jistgħu jgħaddu żewġ karozzi f'daqqa għax qed ikollhom jirriversjaw jew inkella ssir one way u tingħalaq minn isfel. Is-Sindku fakkritu li biex issir one way trid tinġab l-approvazzjoni ta' Transport Malta. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li l-barriers wkoll tpoġġew ħażin. Is-Sindku rrispondiet li dawn tpoġġew kif irrakommanda l-Perit. Għaldaqstant il-membri qablu li dan il-ġebel jitneħħa.

73.4.3 *Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

73.4.3.1 Staqsa jekk il-Kunsill kellux xi tweġiba mill-Perit tal-Kunsill rigward is-survey ta' Triq il-Ponta. Is-Seg. Eżekuttiv weġbitu fin-negattiv.

73.4.3.2 Staqsa f'hiex waslu l-ħruġ ta' l-offerti tal-bankini u l-bini tal-ħitan tas-sejjiegħ. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi dawn għandhom jinħarġu fil-jiem li ġejjin.

73.4.3.3 Staqsa meta ser isir il-kisi bit-tarmac li kellu jsir fi Triq il-Ponta mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku nfurmatu li għad hemm appell u għalhekk għadu ma sarx.

73.4.3.4 Rigward Pjazza l-Assunta staqsa f'hiex waslet l-applikazzjoni tat-twessiegħ tal-bankini. Is-Sindku nfurmatu illi l-Perit talab sabiex issir laqgħa fuq il-post għada, 26 ta' Mejju 2023 pero ħadd mill-membri tal-Kunsill ma kkonferma l-appuntament. Il-membri talbu sabiex isir appuntament ieħor peress li f'dik il-ġurnata ma jistgħux.

73.4.3.5 Rigward id-dawl li kien talab sabiex jeħel biex jinxtegħel is-sies ta' Abram, propona u l-membri qablu li x-xogħol għandu jagħmlu N. Cassar wara li tinġabar kwotazzjoni.

73.4.3.6 Staqsa x'ġara rigward il-parti li qed tisfronda fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku infurmatu li din ukoll l-Kunsill qed jistenna r-rapport tal-Perit tal-Ministeru u qaltlu li meta sar il-kisi mill-ġdid ta' Triq Għajn Mhelhel dak in-nhar il-Kunsill kellu jinforza. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li dak in-nhar il-Kunsill ma ngħatax fondi għar-rinforzar pero għal kisi tat-triq biss.

73.4.3.7 Ilmenta illi l-latrina ta' fejn il-pitch tal-boċċi qed tkun maħmuġa. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill diġa rraporta dan.

73.4.3.8 Rigward ix-Xwejni Music Fest qal li waslitlu nformazzjoni li hu kontra li dan isir. Qal li ser isiru 3 avvenimenti kbar hemm hekk u hu kien biss kontra l-Abode u dan minħabba t-tip ta' mużika li tindaqq. Sostna li jikkundanna li ħarġet din l-informazzjoni minn membri tal-Kunsill li hu kontra ix-Xwejni Music Fest. Staqsa jekk l-għaqdiet hux ser ikunu qed jieħdu sehem fit-tieni edizzjoni tax-Xwejni Music Fest. Is-Sindku nfurmatu li bħas-sena l-oħra ser ikunu qed jieħdu sehem is-sitt għaqdiet tar-raħal. Is-Sindku, Dott Marlene Cini infurmat lil membri li minħabba l-health and safety talbet lil Kumitat tan-Nar sabiex jidħlu responsabbli huma għal li jista' jinqala u qalet li tan-nar proponew li n-nar jinħaraq minn fejn il-Qolla l-Bajda peress li l-Kunsill ma ngħatax permess mill-ERA biex jinħaraq in-nar minn fejn inħaraq is-sena l-oħra. Is-Sindku ddikjarat li la hi u lanqas is-Seg. Eżekuttiv mhu ser jerfgħu l-ebda responsabilita' jekk iweġġa xi ħadd waqt il-logħob tan-nar u kien għalhekk li talbet din id-dikjarazzjoni lil Għaqda tan-nar. Kienet proponiet ukoll li l-Kunsill lest li flok li dan in-nar jinħaraq fix-Xwejni Music Fest jinħaraq f'nhar il-festa. Is-Sindku infurmathom li qed tistenna dikjarazzjoni ffirmata mill-Għaqda tan-nar.

73.4.3.9 Rigward l-arblu ta' l-Enemalta li talab biex jitmexxa fi Triq Madonna taċ-Ċiċċri. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li dan mhux l-ewwel każ li resident ma jkun irid ebda bracket mal-faċċata. Il-membri qablu li s-Seg. Eżekuttiv għandha

tiċċekkja ma l-Enemalta kemm irid iħallas il-Kunsill biex jitmexxa dan l-arblu halli fil-każ dan jitħallas mill-Kunsill.

73.4.3.10 Staqsa meta ser isiru l-laqgħat ma' l-Għaqdiet tar-raħal minħabba l-festa. Is-Sindku wieġbet li l-għaqdiet għadhom ma ffinalizzawx il-programm. Sostniet li s-sena l-oħra kien sar programm mill-Kunsill fejn ġie deċiż kif il-Kunsill ser jikkopera ma' l-għaqdiet. Fakkret lill-membri li l-programm tal-festa jsir mill-Kumitat Ċentrali u mhux mill-Kunsill. Il-Kunsillier Cordina qal li bħala Kunsill kien isir programm ta' ko-operazzjoni ma kull għaqda u sostna li l-Kunsill għandu jiltaqa' ma l-għaqdiet sabiex il-Kunsill ikun jista' jikkopera magħhom. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li fil-passat il-Kunsill kien ikun jaf x'ser isir u d-deċiżjonijiet kienu jittieħdu flimkien bħala Kunsill. Il-Kunsillier Nicky Saliba ddikjara li hu ma għandu xejn kontra l-Għaqda tan-Nar u dan oppost ta' kif kien intqal. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li għandha ssir diskussjoni qabel bejn il-membri tal-Kunsill u wara ssir laqgħa ma l-Għaqdiet tar-raħal.

73.4.4 *Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:-*

73.4.4.1 Fakkar fit-traffic management li kellha ssir waqt il-ħruġ u dħul ta' l-iskola. Is-Sindku nfurmatu li ser terġa tintbgħat tfakkira lill-Perit f'dan ir-rigward.

73.4.4.2 Rigward Triq Għajn Mhelhel sostna li hemm bżonn tittieħed deċiżjoni qabel iweġġa xi ħadd għax il-Kunsill ma jistax joqgħod jistenna r-rapport tal-Perit tal-Ministeru. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li jinbena ħajt tal-kantun ta' żewġ filati, jiġi miżbugħ u titpoġġa bozza miegħu. Is-Sindku, Dott Marlene Cini qalet li aħjar jiġi l-Perit qabel ma jinbena dan il-ħajt u dan sabiex ma jinħoloqx perikolu għas-sewwieqa. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li nibgħatu ftakkira lil Perit u jiġu kkupjati l-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsillier Baskal Saliba talab li jekk sa ġimgħa oħra l-perit ma jirrispondhiex għandu jinbena l-ħajt. Il-Kunsillier Nicky Saliba talab li jittieħed vot. Il-Viċi Sindku u l-kunsillera Nicky Saliba, Daniel Cordina u Baskal Saliba

qablu li jinbena l-ħajt waqt li s-Sindku qalet li hi ma taqbilx li jinbena mingħajr il-parir tal-Perit.

73.4.4.3 Staqsa jekk hemmx ċans li jiġi livellat il-ground ta' l-iskola meta jsir il-proġett ta' restawr fl-iskola. Is-Sindku qalet li suppost għandu jiġi livellat meta jsiru x-xogħlijiet. Il-Kunsillier Daniel Cordina propona li l-Kunsill għandu jibda jaħdem sabiex jinstab post alternttiv sabiex jinbena grawnd ġdid tal-futbol li jkun jista' jintuża wkoll mill-kommunita'. Il-membri qablu li tintbagħat email lill Amministrazzjoni ta' l-iskola

## 73.5 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report* (Quarter 1)

Is-Sindku stiednet lill-accountant tal-Kunsill sabiex jingħaqad mal-membri permezz ta' Teams sabiex jagħti spjegazzjoni detalljata tal-qada finanzjarja.

L-Accountant qal li fl-ewwel tlett xhur tas-sena, l-Kunsill kien b'surplus ta' €54,000 fuq natura rikkorenti. Fakkar li l-ewwel tlett xhur ikunu l-aktar xhur kwieti tas-sena. Qal li l-qada finanzjarja għadha ma ssolvitx pero ikun tajjeb li l-Kunsill jitħabat sabiex jiġbor il-fondi li għandu grant agreements fuqhom speċjalment dawk tad-DPF. Sostna li aktar ma jinġabru l-fondi aktar il-Kunsill ikollu stampa ċara tal-qadgħa finanzjarja.

Is-Sindku u l-membri tal-Kunsill irringrazzjawh ta' l-ispjega tiegħu.

Il-Quarterly Financial Report għal-ewwel kwart tas-sena ġie approvat.

## 73.6 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

73.6.1 Talba minn resident biex fi Triq il-Luzzu jitneħħa l-parkeġġ minn naħħa waħda tat-triq waqt li resident ieħor talab li jinżebgħu l-kaxxi tal-parkeġġ. Il-membri ma qablux ma dawn sabiex ma jitnaqqsux parkeġġi.

73.6.2 Talba mill-Malta Production Hub Ltd fejn talbu li jingħatalhom permess biex jipparkjaw fil-Menqa trukkijiet sabiex ikunu jistgħu jiffilmjaw fuq il-baħar. Il-membri ma qablux ma dan peress li ma jistax jingħata ebda permess ta' parkeġġ fil-Menqa peress li hija żona pedonali u qablu li minflok dawn it-trakkijiet jiġu pparkjati fejn il-breakwater peress li l-filming ser isir minn fuq il-baħar. Il-membri waslu għal din id-deċiżjoni sabiex ma joħolqu ebda preċedent.

73.6.3 Residenta minn Triq Ta' Barda qed tilmenta li qeda f'livell taħt it-triq u qed jidħol l-ilma minn bejn il-bankina u l-bini tagħha. Il-membri qablu li jintbgħat il-ħaddiem tal-Kunsill jiċċekja dan.

73.6.4 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li ntbgħatu l-ittri rigward l-iskart lir-residenti fiż-Żebbuġ u wkoll dawk tax-Xwejni.

73.6.5 Talba mingħand Atlas Insurance fejn talbu kumpens ta' €1074.39 peress li G. Grech għamel ħsara fil-vettura ma kurduna ta' bankina fi Triq il-Qbajjar. Il-membri ma qablux.

73.6.6 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li ngħatat delega lil AKL sabiex jiffirmaw għan-nom tal-Kunsill il-kuntratt tal-Bus Shelters.

73.6.7 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-kuntratt tal-kera ta' l-uffiċċini tal-Kunsill ser jiskadi f'Lulju 2023. Infurmathom li s-sid talbita sabiex il-kera tkun €1,000 fix-xahar jiġifieri €12,000 fis-sena minflok €7,700 fis-sena. Il-Kunsillier Daniel Cordina ssuġerixxa li minflok jingħatalha €1,150 fix-xahar u dan kif talbitu hi stess. Il-Kunsillier Baskal Saliba qabel mal-Kunsillier Daniel Cordina. Il-Kunsillier Nicky Saliba sostna li l-Kunsill għandu joqgħod attent li ma jmurx is-sidien ma jaċċettawx li jerġa jiġġedded il-kuntratt. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona li l-Kunsill għandu jiċċekja jekk jistax jissellef il-flus sabiex xi darba jkollu l-proprjeta'

tiegħu. Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li l-Kunsill jibgħat għas-sid sabiex jivverifika kemm qed titlob għal kera eżatt sabiex il-Kunsill jimxi minn hemm.

73.6.8 Korrispondenza mill-Gozo Cycling Club sabiex issiru tlielaq tar-roti fis-7 ta' Gunju fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li l-Kunsill jidħol f'kollaborazzjoni magħhom u jipprovdulhom 2 uffiċċjali ta' Transport Malta bħal ma jagħmlu kull sena.

73.6.9 Suġġeriment sabiex fil-Bajja ta' Taħt ix-Xifer fejn jgħumu l-klieb jitwaħħlu tabelli sabiex il-klieb jinżammu fuq iċ-ċinga u anke jiġbru l-ħmieġ minn warajhom. Il-membri qablu.

73.6.10 Is-Seg Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva l-BOQ mill-Perit għal bini mill-ġdid ta' biċċiet mill ħajt ta' Triq Wied l-Abjad. L-BOQ tammonta għal €29,883.47 u dan wara li saret site inspection mill-Perit u ġiet amendata l-BOQ. Il-Kunsillier Cordina sostna li jekk il-gvern mhux ser jgħin fil-bini ta' dan il-ħajt, ikollu jibnih il-Kunsill. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona u l-membri qablu li tinħareġ offerta għal bini ta' dan il-ħajt.

73.6.11 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li waslet talba mill-Public Cleansing Dept sabiex bħal kull sena nipprovdulhom 8 landi żebgħa tat-10ltrs sabiex jinżebgħah il-ħajt tal-Bajja tal-Qbajjar. Il-membri qablu. Qablu wkoll li l-ħaddiema tal-Kunsill iduru l-ħajt tal-Bajja tax-Xwejni qabel jidħol is-Sajf.

73.6.12 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ħarġet l-approvazzjoni minn Transport Malta bi prova ta' tlett xhur sabiex titneħħa il-*one way* biex jitnaqqas it-traffiku minn Triq il-Mitħna. Il-membri qablu li din it-tabella għandha titneħħa.

73.6.13 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Aerobics teacher talbet €2 għal kull sessjoni fuq kull persuna li hi miż-Żebbuġ u dan bħal ma kien isir fis-snin preċedenti. Il-membri qablu.

73.6.14 Rigward l-offerta li kellha tinħareġ għas-servizz ta' *Contracts Manager*. Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li sabiex dan ikun jista' jmexxi bir-rapporti irid ikollu l-Corp address jew inkella tinħareġ offerta simili li l-Kunsill kellu pero jkun jirrapporta kollox lil Kunsill. Is-Sindku fakkret lil membri sabiex il-Kunsill joqgħod attent peress li din mhux budgeted u fakkret fil-laqgħa li l-Kunsill kellu mad-DLG rigward il-qadgħa finanzjarja. Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ma qablitx li din l-offerta għandha toħroġ għax huma flus fil-ħela. Il-Kunsillier Cordina fakkar li l-membri tal-Kunsill il-ħin kollu jkunu avviċinati mir-residenti u kieku jkun hemm il-Contracts Manager jara li jagħmel ir-rapporti. Il-Kunsillier Baskal Saliba ġie fdat sabiex jiċċekja jistax Contracts Manager ikollu Corp address.

73.6.15 Talba minn resident sabiex issir mera tat-traffiku fi Triq ix-Xwejni fejn il-Qbajjar Restarant. Il-membri qablu.

73.6.16 Is-Seg. Eżekuttiv preżentat tlett kwotazzjonijiet għal Event Coordinator and logistics manager (Colours of Spring Festival and Salt Festival). Il-membri qablu li għandha tingħata lil irħas offerant.

73.6.17 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill għadu ma rċeviex il-fondi tad-DPF fuq iż-Żebbuġ Playing Field minħabba l-varjazzjoni ta' €80,000 fuq il-kont u ġew infurmati mill-PA li qabel ma jivverifikaw xi affarijiet ma jistax jgħaddi l-pagament. Il-membri nnotaw il-kontenut.

73.6.18 Talba sabiex issir disabled parking bay fil-Menqa, Marsalforn. Il-membri qablu li ssir talba ma Transport Malta.

73.6.19 Talba mingħand resident fejn talab lil Kunsill sabiex joġġezzjoni għal applikazzjoni PA2498/23 – *to sanction existing reservoir, store, gate and pump room in Ta' Milied site.* Il-membri qablu li jimxu bħal ma dejjem imxew jiġifieri jħallu l-awtoritajiet kompetenti jiddeċiedu huma.

73.6.20 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li saru dawn it-talbiet għal divertiment okkażżjonali:

- 21/05/23 – Private event Xwejni Salt Pans
- 16/06/23 – Private event Bajja tax-Xwejni (fejn l-għar ta' Santa Marija)

73.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 46/2023 għall-perjodu ta' Mejju 2023 li tammonta għal €89,858.62 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed japprova l-kont tar-Reġjun t'Għawdex bin-numru 33 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Environmental Officer fi ħdan l-istess Reġjun u dan wara li l-Kunsillier Nicky Saliba rċieva direzzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali sabiex ma japprovax dan il-kont biss mill-iskeda ta' pagamenti.

73.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar il-Ħamis, 22 ta' Ġunju 2023 fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv